# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tas-16 t'April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Robert Said Sarreo)**
**vs.**
**Bruno Tucci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Bruno Tucci, bin Adlo Tucci u Maria Romano, imwieled ġewwa l-Italia fis-6 ta' Ottubru, 1959, u residenti ġewwa 77, Luton Court, Flat 3, Triq F. Geneste, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-nru. 94403L:

Akkużat talli matul ix-xahar ta' Jannar 2014 u matul ix-xhur u is-snin ta' wara, ġewwa dawn il-Gzejjer:

(1) Approprja ruħu billi dawwar bi profitt għaliħ jew għal persuna/i oħra is-somma ta' €10,756.43, liema flus ġew fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċessarju, għad-dannu ta' Twin Deal Limited u/jew persuni jew entitajiet oħra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra il-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Twin Deal Limited u/jew persuni jew entitajiet oħra fil-pussess ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra il-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor, u dan bi ksur ta' l-artikou 85(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Jason Bezzina, Mario Bezzina u familjari tagħhom, ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ taż ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat illi matul is-seduta tas-6 ta' Novembru 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-artikolu 370(3)(a) nhar il-11 ta' Diċembru 2018 fejn ippremetta li tista tinstab ħtija tal-imsemmi imputat taħt l-artikoli 293, 294, 310(1)(a) u 85(1) kif ukoll l-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat li matul is-seduta datata l-14 ta' Jannar 2019, din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-

[1] Folio 21 tal-atti proċesswali.
[2] Folio 96 tal-atti proċesswali.

Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[3]

Rat li matul l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

***Ikkunsidrat***

Illi huwa pruvat li l-Pulizija kienu rċevew kwerela magħmula minn Jason u Mario Bezzina sabiex jieħdu passi kontra l-imputat Tucci fuq ir-reati kif ipprospettati kontra tiegħu f'dan il-każ. Skond l-istħarriġ li għamlu l-pulziija, rriżulta li għall-ħabta ta' Jannar 2014, is-sinjuri Bezzina kellhom l-kumpanija bl-isem ta' Twindeal Co. Ltd fejn fl-istess żminijiet il-kumpanija ST Microelectronics kienu talbu lil Jason Bezzina sabiex jipprovdilhom żewġ *heat exchangers* bħalma kienu diġa ssuplixxilhom qabel. Bezzina kien kellem lill-imputat peress li kien ġieli ġab xi xogħol mingħandu, li Tucci, da parti tiegħu kien aċċetta li jipprovdihomlu. Filfatt fis-17 ta' Jannar 2014, l-imputat kien irċieva ċekk ta' €10,756.43 bħala ħlas intier minn quddiem ta' dawn iż-żewġ heat exchangers liema ċekk irriżulta li ssarraf l-għada mill-imputat mingħajr

[3] Folio 97 tal-atti proċesswali.

diffikulta'. Skond l-imputat dak iż-żmien kien infurmhom illi l-*heat exchangers* in kwistjoni kellhom jaslu fi żmien ġimgħatejn jew tlieta. Madankollu sa April dawn kienu għadhom ma waslux u kull darba li Bezzina kellem lil Tucci biex jara fiex kienu dan kien jgħidilhom li kienu ġejjin iżda xorta waħda baqghu ma waslux. Hu kien isemmi diversi raġunijiet, allegatament pertinenti prinċipalment għas-soċjeta Taljana minn fejn kienu ser jiġu pprovduti. Konsegwentement l-ST bdiet tippressa lil Jason Bezzina u żammitu responsabbli ta' kwalunkwe ħsarat li l-kumpanija setgħet tinkorri minħabba n-nuqqas ta' dawn il-*heat exchangers*. Minħabba f'hekk Bezzina kien qabbad persuna oħra biex iġiblu dawn il-*heat exchangers* filwaqt li kkanċella l-ordni mingħand Tucci. Meta l-persuna l-ġdida mqabbda sabiex iġiblu dawn l-*exchangers* ġabithomlu bl-istess prezz, indunaw meta waslu Malta li fuq it-tabella kien hemm l-indirizz ta' Tucci u meta tkellmu mal-kumpanija Taljana li pprovditilhom il-*heat exchangers* biex jaraw x'kienet l-istorja, huma nfurmawhom illi Tucci kien ħallashom depozitu għall-*heat exchangers* imma qatt ma rendilhom il-bqija tal-flus u b'hekk ma bagħtuhomx. Sussegwentement Bezzina beda jitlob il-flus lura lil Tucci li ma ħalsux fejn kien fetaħ kawża ċivili għall-ħlas dovut, liema każ illum il-ġurnata ġie konkluż.

L-ispettur investigattiv kien tkellem ukoll ma Tucci fejn l-imputat spjega li kien aċċetta li jġib dawn il-*heat exchangers* għall-Bezzina iżda ma kienx ġabhomlu minħabba raġunijiet ta' saħħa. Jgħid li umbagħad Bezzina

kien ġab il-*heat exchangers* minn wara dahru mingħand ħaddieħor u għalhekk kien inħaraq u ħass li Bezzina kien lagħbu. Hu kkonferma li meta kien talabhomlu f'dak l-istadju, hu ma kienx ħallas lil Jason Bezzina lura l-flus li kienu ħallsuħ għall-*heat exchangers* iżda dan kien allegatament minħabba l-fatt li Bezzina kellu jtiħ xi flus għal xi xogħol ieħor li kien baqa ma ħallsux. Illum id-dejn dovut ġie saldat fl-interita' u bl-interessi kollha tant li Bezzina espremew l-interess li ma jipprosegwux ulterjorment fil-konfront ta' Tucci.

In oltre meta Tucci xehed viva voce quddiem din il-Qorti hu stqarr li kien appożitament tawwal iż-żmien sabiex iġibilhom dawn il-*heat exchangers* bit-tama li Bezzina jħallsuħ dak li kien dovut lilu, somma li huma nnegaw li għandhom ituħ meta kien jitlobhom iħallsuħ. Ma jsemmi xejn dwar motivi ta' saħħa jew raġunijiet oħrajn li setgħu wasslu għad-dewmien tal-oġġetti ordnati da parti minnu għan-nom ta' Bezzina, liema ordni effettivament saret skond kif kien ġie rikjest mill-kwerelanti f'dan il-każ.

***Kunsiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi l-imputat jinstab akkużat bl-akkuża t'approprjazzjoni indebita kif ukoll r-ragion fattasi.

L-appropjazzjoni indebita hija regolata mill-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali li jinqraw kif ġej:

> 293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
>
> Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.
>
> 294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

F'dan il-każ japplika l-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 u b'hekk il-proċeduri jistgħu jittieħdu *ex officio* kif ukoll jitkomplew indipendentement minn kwalunkwe dikjarazzjoni li setgħet saret matul il-proċeduri mill-parte ċivile fejn iddikjaraw li m'għadhomx aktar interessati li jipprosegwu kriminalment fil-konfront tal-imputat.[4]

Għal dak li jirrigwarda l-elementi tar-reat in eżami, il-ġurisprudenza Maltija tinsenja li :

> L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera

[4] Pulizija vs Francis Camilleri, Imħallef Vincent Degaetano, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fil-25.6.2001.

> volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.[5]

In oltre fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Gauci***, ġie kkunsidrat is-segwenti:

> Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miehu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers'.[6]

Di piu' skond is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuseppa Cauchi*** intqal is-segwenti:

> Il-fatt li wiehed jiehu flus minn ghand iehor taparsi biex jislifhom lin-nies, imma fil-fatt izommhom ghalih u ma jroddhomx lil min tahomlu, jammonta ghal approprjazzjoni indebita. Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede.

---

[5] Pulizija vs Joseph Muscat, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.
[6] Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar l-14 ta' Frar 1997.

> Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.[7]

Finalment fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Mary Bajada,*** il-Qorti ddikjarat illi:

> Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga'.[8]

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza huwa meħtieġ li min ikun akkużat li kkometta dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni ċara li minflok jonora l-pattijiet li jkunu ġew miftehmin in buona fede mal-vittma jew minflok jonora l-obbligazzjonijiet tiegħu li jrodd lura l-ħaġa li tkun ġiet fdata lilu mill-vittma ai fini tal-osservanza ta' dak il-ftehim, huwa jikkonverti a benefiċċju tiegħu innifsu jew għal ħaddieħor l-oġġett jew il-flus li hu jkun ġie fdat bihom.

Huwa stabbilit ukoll minn ġurisprudenza oħra li fl-eventwalita' li jkun hemm dewmien għar-restituzzjoni tal-flus jew tal-oġġett fdat dan ma jwassalx neċessarjament għar-reat t'approprjazzjoni indebita; dment li tali dewmien ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-element formali tal-konverzjoni u tal-utilita' ta' din il-konverzjoni favur min qed jagħmilha

[7] Imħallef William Harding, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar il-21 ta' Novembru 1953.
[8] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

jew favur ħaddieħor kontra l-ftehim oriġinarjament pattwit. Din is-sitwazzjoni ġeneralment tirrisolva ruħha fi kwistjoni ta' natura ċivili.[9]

Mill-banda l-oħra r-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali kif ġej:

> Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'

Illi kif ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuza, l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

> a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
> b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;

---

[9] Ara s-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Herbert Cassar deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-17 ta' Marzu 2012 fejn fost il-kunsiderazzjonijiet magħmula ġie kkwutat Maino kif ġej: Il-Maino jghid *"l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghall-awtur Carrara "la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita". Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ....... F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'............ il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione".* Ara wkoll fost oħrajn is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Dr. Sigfried Borg Cole deċiża nhar it-23 ta' Diċembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano fejn ġie ttrattat l-istess mertu.

> c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
> d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;
>
> Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.*[10]*

Min jikkometti r-reat ta' ragion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat.

Infatti skond il-każ fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas,***[11] il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

> L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminalili jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.
>
> Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

[10] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.
[1111] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

Fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Vassallo,***[12] il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset li :

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

Finalment skond sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Dimech***[13]***:***

> d-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l- pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.

***Ikkunsidrat :***

Illi għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2)

---

[12] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti.

Relevanti wkoll ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kapitolu 9 li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

Skond il-ġurisprudenza Maltija jekk il-Qorti tal-prim istanza tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista' tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixhdu viva voce.

In oltre prinċipju ieħor assodat mill-ġurisprudenza Maltija hi li min jallega jrid jipprova dak allegat minnu. Dan il-prinċipju japplika kemm għall-allegazzjonijiet magħmula mill-Prosekuzzjoni li trid tipprova t-tesi prosekutorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-ragui; kif ukoll dawk magħmula mid-Difiża li trid tipprova l-argumenti difesivi sal-grad tal-probabbli. Dan dejjem salv pero għall-preżunzjoni tal-innoċenza u għad-dritt għas-silenzju li l-imputat igawdi minnhom.

***Ikkunsidrat -***

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa pruvat li

(a) l-imputat effettivament ftiehem mal-kwerelanti dwar il-*heat exchangers* u

(b) li meta l-ordni tħassret minn Bezzina minħabba d-dewmien rekat da parti tal-imputat hu naqas milli jirrifondilhom il-flus kif mitlub jew spontanjament.

Din il-Qorti pero għandha d-dubbji tagħha dwar l-element formali ta' Tucci meta ġab ruħu b'dan il-mod għal dak li jirrigwarda r-reat t'appropjazzjoni indebita. Jibda' biex jingħad li filwaqt li l-imputat żamm il-parti l-kbira mis-somma fil-pussess tiegħu sakemm hu rrifondihom lura lill-kwerelanti, ma jidhirx mill-provi li hu għamel xi qliegħ minnhom kemm għaliħ jew għal terżi, jew li approprija ruħu

mill-flus. L-uniku gwadan li seta' kien hemm kien ta' ħela ta' ħin fir-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet li seta' kien hemm bejniethom u dan peress li fl-aħħar mill-aħħar dak li qed jallega Tucci dwar il-flejjes dovuti lejħ ġie miċħud mill-kwerelanti u filfatt hu ma rnexxielux jiggwadanja l-ebda flejjes jew xi vantaġġ ieħor li jista jiġi ddentifikat bħala profitt.

Tucci irrifonda l-ammont kollu dovut bl-imgħaxijiet b'kollox u kwindi lanqas ma wieħed jista jargumenta li l-imgħax rekat tul il-xhur li dawn il-flejjes kienu fil-pussess tiegħu ggwadanjhom hu. Huwa minnu li d-dewmien rekat minnu ma kienx ikkawżat minn ċirkostanzi indipendenti mir-rieda tiegħu. Dan jidher :

(a) kemm mill-iskambju tal-*emails* li kien hemm bejnu u bejn ir-rappreżentanti ta' Bezzina, fejn iċ-ċirkostanzi kif deskritti minnu ġew kontradetti mill-ittra mibgħuta lil Bezzina mill-kumpanija Taljana li kienet issuplixxitilhom il-*heat exchangers*, wara li huma kkomunikaw magħhom,[14] kif ukoll

(b) mix-xhieda tiegħu stess fejn hu jikkontradiċi l-iskużi li kien qed iressaq sabiex ittawwal l-għeluq tan-negozzjati li kellu mal-kwerelanti kif ukoll l-istqarrija tiegħu fejn kien stqarr li ma kienx ipprovda s-servizz kif mitlub minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Rigward il-fatt li Tucci naqas milli jhallas lura l-flus pendenti dovuti lil Bezzina, skond dak li xehed, hu kien qed jittama li b'dan il-mod il-

[14] Ara Dok C sa Dok F a 43 et seq kif ukoll id-deposizzjoni tax-xhieda tal-imputat datata l-14 ta' Jannar 2019 a folio 97 tal-atti proċesswali.

kwerelanti jersqu sabiex ipaċu dak li kien dovut lilu minnhom - tpaċija pero li madankollu ma seħħitx. Dan l-aġir ta' Tucci ma kienx xieraq bejn negozjanti tant li wassal biex ikkollassat ir-relazzjoni kummerċjali ta' bejn il-partijiet. Biss fil-kontemp dan l-agir ta' Tucci ma jwassalx lil din il-Qorti biex serenament tikkonkludi li Tucci kellu l-intenzjoni li jappropja ruħu indebitament mill-fondi in kwistjoni. Tucci kien għamel l-ordni b'effett immedjat; biss baqa' inadempjenti minħabba dak li hu jfiehem li kienet kwistjonijiet kummerċjali ta' bejniethom u mhux sabiex jagħmel xi gwadann mill-konverzjoni tal-flejjes li kienu ħallsuħ interament il-kwerelanti a bażi tar-relazzjoni ta' fiduċja li kellhom bejniethom.

***Ikkunsidrat :-***

Illi din il-Qorti fehmet li r-reat ta' ragion fattasi li biħ jinstab mixli wkoll l-imputat ingħata alternattivament għar-reat t' appropjazzjoni indebita.

Din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza oħra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***The Police vs Siddy Sangari*** fejn ġie kkunsidrat kemm l-element intenzjonali tar-ragion fattasi a differenza ta' dak tas-serq kif ukoll dwar l-esitenza o meno tad-dejn dovut. Skont dik il-Qorti irriżulta ċar li huwa rrelevanti ai fini tar-ragion fattasi jekk id-dejn effettivament jeżistix jew le. L-importanti huwa li min qed

jippretendi dak dovut u ċioe l-imputat, verament jemmen li dan id-dejn jeżisti, liema twemmin umbagħad jirrisolvi ruħu fil-pretenzjoni tad-dritt fuq il-vittma fil-każ in kwistjoni.[15]

Illi b'referenza għal dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li a differenza tar-reat tal-approprjazzjoni indebita, l-komportament tal-imputat matul dawn it-trattattivi speċjalment mill-mument li l-flus għal dawn il-*heat exchangers* li kienu fil-pussess tiegħu ġew mitluba lura minnu mill-kwerelanti, jaqa' fil-parametri tar-reat ta' ragion fattasi. M'hemm l-ebda dubbju li skond kliemu stess, Tucci kien qed jippretendi dritt ta' ħlas għal dejn dovut lilu mill-kwerelanti, allavolja dan id-dejn mhux qed jiġi kkonfermat minnhom. Lanqas m'hemm dubbju li l-imputat ma ħax miżuri skond il-liġi sabiex jeżerċita dan id-dritt fuq il-kwerelanti kif għal darb'oħra hu stess jikkonferma permezz tax-xhieda tiegħu. Bil-komportament tiegħu Tucci kien qed iċċaħad lil Bezzina mill-flejjes li huma kienu fdawlu ai fini tal-ordni tagħhom. U ġaladarba l-ordni tagħhom tħassret minn ma Tucci, dawn il- flejjes kienu dovuti lura lilhom. Bezzina kienu espressament talbuh il-flejjes lura. Biss Tucci baqa' inadempjenti minħabba l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront ta' Bezzina. Tucci ddecieda li jirritjeni l-flejjes dovuti lura lil Bezzina f'forma ta' garanzija biex ikunu jistgħu jagħmlu tajjeb għal dak li huwa kienu qiegħed jippretendi li kellu jieħu mingħand Bezzina. L-imputat effettivament u realment għamel dan kollu bit-twemmin li kellu d-dritt iġib ruħu b'din il-manjiera. Konsegwentement din il-Qorti ser issib ħtija

[15] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri nhar is-16 ta' Jannar 2010 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

tar-reat ta' ragion fattasi kif ravviżat alternattivament kontra l-imputat f'dawn il-proċeduri.

# *Deċide*

Illi wara li rat l-artikoli 293, 294, 310(1)(a) u 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lil Bruno Tucci mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena. Fil-kontemp issibu ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tikkundannah għall-piena ta' multa ta' mitejn Euro (€200).

Għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni mitluba tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ma jirrisultax li nħatru periti jew esperti matul dawn il-proċeduri u konsegwentement il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dit-talba.

Finalment din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba skont l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 fil-konfront tal-imputat favur Bezzina u dan peress li l-komportament ta' Tucci f'ebda mod ma jwassal lil din il-Qorti temmen li l-kwerelanti jinħtieġu xi protezzjoni mingħandu.

***Aaron M. Bugeja***

***Maġistrat***